**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħdax (11)**

**6 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-17.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**11.1 Talba**

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

**11.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Il-Membri kollha kienu preżenti.

**11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 10 u Skeda ta' Pagamenti 2;**

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 10 ġew approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. L-Iskeda ta' pagamenti Nru 2 ġew iċċirkolati minn qabel u għalhekk kienu meqjusa moqrija. Dawn ġew approvati unanimament.

**11.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku tah update dwar il-progress taċ-Ċentru Ċiviku u nforma lill-membri li x-xogħol se jitkompla mill-aktar fis. Fakkar li l-Kunsill ġab l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-varjazzjonijiet involuti f'dan il-proġett.

Rigward Triq Karkar, is-Sindku issuġerixxa li sa xħin toħroġ is-sejħa għall-offerti nitolbu lill-Kuntrattur sabiex iwotti biż-żrar sakemm isir is-siment. Kien hemm qbil dwar dan.

Semma wkoll li x-xogħol fi Triq Stellini mixi sew. Il-Kunsilliera Francienne Muscat semmiet li skond kif hi nfurmata x-xogħol ilu wieqaf mill-Milied. Is-Sindku irribatta dan u semma li sar gandott twil matul it-triq kollha, għaddew is-servizzi u x-xogħol jidher. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma wkoll li la x-xogħol miexi tajjeb il-Kunsill għandu jingħata pjanta ta' kif se jsiru l-bankini fi Triq Stellini. Semma li minkejja li ntalbu sew minnu kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill għadu ma ngħatax kopja tal-pjanta. Talab biex il-Kunsillier li qed jieħu ħsieb l-aċċessibilita' ma jitħallix fil-ġenb. Is-Segretarju Eżekuttiv se terġa tfakkar lid-Direttur Generali dwar dawn il-Pjanti.

Is-Sindku ressaq il-programm dwar il-visita tad-Delegazzjoni minn Kosovo fix-Xagħra li se jżuruna fil-15, 16 u 17ta' Marzu 2025. Il-programm ġie diskuss u maqbul mill-membri. L-Agenda ser tintbgħat lill-membri kollha.

Is-Sindku ippropona li l-PhoneBox tal-Pjazza tiġi konvertita f'*Information Box*, fejn fiha jsir monitor li toffri informazzjoni dwar il-Lokalita' tax-Xagħra. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Seg. Eżekuttiv se tieħu ħsieb tikkomunika mal-Go plc.

Is-Sindku ressaq it-talba mingħand sid ir-restorant tal-Latini fejn is-sid qed joffri li jagħmel rampa fit-tarf tal-bankina tiegħu u dan biex ma jkunx hemm periklu għal dawk kollha li jimxu min taħt it-tinda tiegħu. Kien hemm qbil ma dan.

**Mill-Kunsilliera Francienne Muscat:**

- Staqsiet jekk hemmx update dwar it-talba għal sinjali sofor fi Triq il-Knisja kantuniera ma Triq Bullara. Is-Seg. Ezekuttiv infurmatha li huma approvati u qed nistennew biex isiru.
- Saret laqgħa mal-Iskola li għaliha attendew ukoll il-Kunsilliera Marion u Leanne. Jixtiequ li jsiru attivitajiet flimkien mal-Kunsill, u ssemma li jsiru aktar attivitajiet relatati ma Jum ix-Xagħra. Ġie ssuġġeriet u maqbul li:
  1. Fit-30ta' April – it-tfal tal-Primarja minn Year 1 sa Year 3 jżuru l-Mitħna tax-Xagħra għal siegħa u jinqraw kotba relatati mal-Mitħna kif ukoll isiru activities għat-tfal mill-Kinder sa Year 3 bi spiża li ma jammontax aktar minn €80.
  2. Fit-2ta' Mejju – it-tfal tal-Primarja ta' Year 4,5 u 6 jżuru wkoll il-Mitħna u jsegwu storja dwar l-Insieġ li tista tiġi offruta mill-Għalliema Alda Buġeja. Il-prezz huwa ta' €80 għal 3 siegħat li jinkludi wkoll il-materjal.
  3. Fit-2ta' Mejju – it-tfal tas-sitt sena jmorru mixja twila mal-gwida liċenzjat is-Sur Joseph Micallef bejn id-9.00 u l-12.00 fejn iżuru postijiet storiċi fil-lokalita' tagħna. Il-prezz għal din l-attivita' hija ta' €100.
  4. Ġie maqbul ukoll li l-Kunsill joffri token żgħir bħal ma hu xi lapes bl-arma tal-Kunsill lill-istudenti tal-Primarja matul il-perjodu ta' Jum ix-Xagħra.

*17.58 Il-Viċi Sindku Aaron Agius daħal fil-kamra.*

- Talbet biex niċċekjaw dwar ir-resurfacing ta' Triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija kif ukoll dwar iz-zebra crossing ta' Triq it-8 ta' Settembru. Is-Seg Eżekuttiv infurmat lill-membri li saret it-talba lill-Perit tal-Kunsill.

- Ipproponiet li ssir rounabout kif ukoll xi tabelli fi Triq il-Knisja kantuniera ma Ġnien Imrik. Il-Kunsillier Christian Zammit semma li kien sar Traffic Management mill-Perita Mariella Xuereb u li kien ser jgħaddihom lis-Seg. Eżekuttiv. Kien hemm qbil ma din it-talba.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar:**

- Fakkar li kien ressaq talba u li magħha kien qabel il-Kunsill sabiex niktbu lill-Planning Authority dwar l-ilmijiet ta' Triq Bertrija u Triq Liberat Grech. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dik l-ittra kienet intbgħatet u se tgħaddilu kopja.
- Staqsa dwar id-dwal taz-Zebra Crossing ta' Triq it-8ta' Settembru. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-Kuntrattur qed jistenna li jaslu l-parts.
- Ressaq għad-diskussjoni l-issue tal-vetturi li jgħaddu minn Triq it-28ta' April 1688. Spjega li l-bankina ta' din ir-residenta nkissret bil-vetturi kemm il-darba u din ir-residenta qeda f'periklu kontinwu. Għalhekk issuġġerixxa li jiġi limitat t-tunnellaġġ tal-vetturi li jgħaddu minn din it-triq u talab għal deċiżżjoni mill-

Kunsill dwar din il-kwistjoni. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jressaq it-talba lil Transport Malta biex naraw x'inhi l-possibilita' li jiġi limitat t-tunnellaġġ li jgħaddi minn din it-triq.

- Ressaq il-bżonn li jitnaddaf gandott li jinsab fi Triq 28ta' April. Is-Sindku nfurmah li dan il-gandott huwa miżdud bis-siment li ntefa ġo fih.
- Fakkar biex isiru żewġ bozoz ġodda fil-Pjazza tal-Mitħna. Is-Sindku nfurmah li dawn saru.
- Fuq talba tal-bdiewa ressaq is-suġġeriment li fi Triq ix-Xagħra, ikun hemm parti minnha li ssir bil-linja dotted biex wieħed jkun jista jikser lejn ix-Xagħra mingħajr ma jkollu jinżel sat-tarf tat-triq idawwar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li din it-talba diġa ntbagħtet lil TM u qed jitolbu lill-kunsill sabiex jidentifika liema parti qed jissuġġerixxi li għandu jsir dan id-dotted line. Dan is-suġġeriment ġie diskuss u ġie deċiż li minħabba issues ta' safety din ma għandiex issir fl-ebda parti tat-triq.
- Fakkar li kien ressaq ilment dwar ħajt tal-Belveder f'Għajn Damma li qed jaqsam u staqsa jekk sarx xi ħaġa fuqha. Is-Sindku nfurmah li kien bagħat lil Kuntrattur u se jerġa jkellmu.
- Fakkar fit-talba li kienet saret għal Go Slow fi Triq Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li għadna ma rċivejniex risposta dwarha.
- Staqsa jekk irċivejniex l-istima tal-Perit għal Culvert fi Triq il-Knisja. Is-Sindku infurma lill-membri li irċivejna l-istima għal dan ix-xogħol li hija ta' €70,000, ammont li l-Kunsill ma jistax jasal għalih. Kien hemm qbil li nippruvaw napplikaw għal rural funds mal-Eco Gozo meta jkunu offruti l-iskemi.
- Staqsa dwar Triq Pergla. Is-Sindku nfurmah li din it-triq ma kinitx inkluża biex issir b'fondi Ewropej.
- Fakkar fiz-zebra crossing ġdida ta' Triq it-8 ta' Settembru, fuq in-naħħa ta' isfel.
- Informa lill-membri li fl-1ta' Marzu ltaqa' s-sotto Kumitat li qed jaħdem fuq issues tad-diżabilta' u ta update dwar dak li ġie diskuss f'din il-laqgħa.
  1. L-poster għadu ma ġiex emendat u wara nkunu nistgħu ntellgħuh fb.
  2. Ġiet diskussa wkoll l-aċċeżżibilta tal-bankini ta' Triq Stellini.
  3. L-bżonn li naraw hemmx fondi anka ewropew sabiex isir playingfield aktar aċċessibbli għan-nies b'diżabilta'.
  4. Il-laqgħa li jmiss għal min jixtieq jattendi se ssir fit-12ta' April fid-9.30a.m.u għal din il-laqgħa se jkunu mistiedna professjonisti mix-Xagħra.

Kien hemm qbil li naraw x'opportunitajiet nistgħu nsibu u napplikaw għal fondi.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Fuq talba ta' xi ġenituri ressqet suġġeriment għal miżuri ħalli l-vetturi li jgħaddu minn Triq Parisott, ħdejn il-mużew tas-subien jsuqu aktar bilmod. Kien hemm sleeping police li tneħħiet u s-sewqan eċċessiv huwa ta' periklu. Kien hemm qbil li nitolbu lil TM biex jekk ma tistax terġa ssir sleeping police, almenu jsiru s-sinjali ta' traffiku - Slow Signs.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Staqsiet dwar il-Pjanta għall-Proġett tal-Belveder. Ġiet diskussa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill fejn minħabba li għadu ma ingħalqitx is-sena finanzjarja 2023 u lanqas dik tas-sena 2024, il-Kunsill għad ma għandux stampa ċara tal-pożizzjoni tiegħu. Is-Seg Eżekuttiv spjegat l-importanza li l-Kunsill ikollu Pjan Finanzjarju li minnu joħorġu l-pjanijiet għal Proġetti kapitali u spejjeż ta' natura kurrenti għas-sena 2025. Kien hemm qbil biex nitolbu l-għajnuna tal-Ministeru biex isir dan il-Belveder.

- Ressqet is-suġġeriment li jsir xi Sports tournament u l-fondi li jinġabru jingħataw lil xi organizzazzjoni (Ngo). Il-Kunsill ħa nota ta' dan u se naħsbu fuqha.

**11.5 Attivitajiet Soċjo-Kulturali – Attivita' tal-Għid, Fig Festival u Jum ix-Xagħra;**

Attivita' tal-Għid – Wara li ħarġet l-espressjoni ta' interess, il-Kunsill irċieva tlett offerti, l-Għaqda Briju, Scouts, Tal-Knisja. Minħabba li kien hemm aktar minn offerta waħda saret ballot fil-preżenza tal-membru u telgħu tal-Briju. Il-Kunsill se jkun qed jiltaqa' magħhom fil-ġranet li ġejjin sabiex isiru l-preparamenti meħtieġa.

Fig Festival – Is-Sindku ippropona u kien hemm qbil li din l-attivita' kulturali ssir fil-21ta' Ġunju 2025. Il-Kunsillier Christian Zammit semma li qegħdin membri fil-Ficus Net u mportanti li nistiednu lil dawn il-Komunitajiet minn issa. Kien hemm qbil li nistiednu lil Tribute Band Police għal din is-serata bi ħlas ta' €4500. Kien hemm qbil li għal ikel l-ewwel nippruvaw nużaw dawk lokali filwaqt li għal management jerġa jieħu ħsieb l-istess kuntrattur li intuża s-sena ta' qabel minħabba li kellu marketing tajjeb. Kien hemm qbil ukoll sabiex ikun hemm il-bouncing castles għat-tfal. Is-Sindku stqarr li filwaqt li naraw li ntellgħu serata mill-isbaħ se naraw li nillimitaw l-ispejjeż kemm jista jkun, u nippruvaw nibqgħu fil-limitu tal-fondi li nikkwalifikaw mill-iskema.

Jum ix-Xagħra – Kien hemm qbil li din tittella fis-26 ta' April 2025. Ser jintbgħatu n-nomini lil kull resident mal-Bullettin. Se jingħata Premju wieħed – Ġieħ ix-Xagħra u din l-attivita' ssir fil-Każin tal-Banda.

**11.6 Skemi SPI.SCI.02.2025 sa SPI.SCI.07.2025**

Ġew diskussu l-Iskemi SPI.SCI.02.25 sa SPI.SCI.07.25.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet sekondata mill-Kunsillier Christian Zammit, il-Kunsill qabel unanimament li:

- Japplika għal iskema numru SPI.SCI.02.2025 biex tittella l-attivita' kulturali Fig Festival nhar is-Sibt, 21ta' Ġunju 2025.
- Japplika għal iskema numru SPI.SCI.03.2025 biex issir attivita' ta' Clean Up fil-lokalita' tax-Xagħra.

- Japplika għal iskema numru SPI.SCI.04.2025 biex tittella attivita' relatata mal-Milied fil-lokalita' tax-Xagħra.
- Japplika għal iskema numru SPI.SCI.05.2025 biex tittella attivita' fi żmien tal-Karnival.

Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-iskemi numru SPI.SCI.06.2025 u SPI.SCI.07.2025 fejn ġiet proposta l-possibilita' li napplikaw sabiex il-playingfield jsir aktar aċċessibli għal nies b'diżabilta'. Kien hemm qbil li dawn l-iskemi jerġgħu jiġu diskussi aktar fid-dettal fil-laqgħat li ġejjin.

**11.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti ħarġet sejħa għas-servizz tal-knis filwaqt li qed naħdmu biex fil-ġranet li ġejjin joħroġ ukoll it-tender għas-servizz tal-knis. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-sejħa tal-e-quotation għalqet fl-4ta' Marzu 2025 u irċivejna żewġ offerti. Kien hemm qbil li l-bord tal-evalwazzjoni għandu jkun kompost mill-Awditur Anthony Farrugia, Dr. Larry Formosa u Ivan Attard.

Ħarġet ukoll is-sejħa għall-offerti għas-servizz tat-tindif u tbattil tal-Smart Bins liema proġett pilota se jibda fil-ġimgħat li ġejjin. L-offerti jagħlqu fil-11ta' Marzu 2025. Għaddejja komunikazzjoni ma CE Malta dwar il-proġett u se ssir laqgħa informattiva lis-sidien tal-ħwienet nhar l-14ta' Marzu 2025. Din se ssir ġewwa s-sala tal-Banda u se ssir mill-uffiċċjali ta' CE Malta. Kellna laqgħa flimkien mas-CE Malta u qegħdin naħdmu sabiex iż-żona ta' fejn jinsabu l-ismart bins tiġi pprovduta l-elettriku. BCRS se jkunu qegħdin ġentilment joffru li nieħdu d-dawl mill-meter tagħhom u għalhekk il-Kunsill se jkun qed jinstalla sub-meter fil-post.

Kien hemm qbil li l-bord tal-evalwazzjoni għat-tender tal-Smart Bins għandu jkun kompost minn Perita Mariella Xuereb, Mark Formosa u Perit Johan Camilleri.

Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat stima tal-Perit Scerri għal xogħol ta' tqaxxir, xibka u kisi bis-siment kif kien propost għal parti minn Triq Karkar, liema spiża hija dik ta' €41,362 (Vat inkluż). Is-Sindku spjega li eventwalment meta l-Kunsill ikollu l-fondi ssir it-triq kollha pero' kif qbilna fl-aħħar laqgħa għalissa ssir din il-parti. Il-Viċi Sindku Aaron Agius stqarr li ma jaqbilx li għandha ssir din il-parti biss imma għandha ssir it-triq kollha. Il-membri l-oħra qablu li meta jkollna l-fondi għandha ssir kollha pero'peress li l-Kunsill bħalissa ma jistax ikopri l-ispiża kollha qablu li għalissa għandna mmexxu bis-sejħa għall-offerti sabiex issir din il-parti msemmija.

Ġew ippreżentati wkoll l-estimi li pprepara l-Perit tal-Kunsill għal xogħol ta' storm water culver kif ġie propost għal Triq il-Knisja. Din il-materja ġiet diskussa aktar il-quddiem f'din il-laqgħa.

Saret laqgħa bejn il-Periti tal-Kunsill u tal-Kuntrattur flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku dwar ix-xogħol ta' Triq Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li minħabba xogħolijiet ta' servizzi u addizzjonali li żvolġew max-xogħol, hemm bżonn li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal varjazzjoni fuq il-Kuntratt *TXLC/01/20 – Works Tender for the Resurfacing of the Lower part (Northern) of Triq Marsalforn Xaghra.* Hemm bżonn li tintalab l-approvazzjoni għal varjazzjoni ta' *repetition of works* kif ukoll ta' *additional works*. Il-valur totali tat-tender TXLC/01/2020 huwa ta' €674,258.79 (vat esklużż) filwaqt li l-varjazzjoni hija dik ta' €283,018.14 (vat eskluż). Ġie diskuss li l-ammonti se jkunu koperti mill-fondi tal-MGP.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir it-talba għal varjazzjonjiet, li jinkludu *repetition* kif ukoll *additional works.* Dan sabiex ikun jistgħu isiru x-xogħolijiet u jitlesta l-proġett ta' *resurfacing/reconstruction* ta' Triq Marsalforn.

Il-Kunsillier Kevin Cutajar staqsa jekk hux se ssir bankina fl-aħħar parti tat-triq fejn ma hemmx bini man-naħa tal-għelieqi, fejn hemm bordura. Huwa ssuġġerixxa li jekk mhux ippjanata li ssir għandha tiġi kkunsiddrata li ssir. Is-Sindku wieġeb li niċċekjaw dwar dan mal-Perit u jekk mhux inkluża nagħmlu talba biex issir.

**11.8 Sqaq L-Isqof Ružar Farrugia**

Is-Sindku ippropona li l-isqaq li hemm fi Triq Parisott isir One Way minħabba li kif inhi, saret perikoluża ħafna biex wieħed jsuq għal got-triq prinċipali. Kien hemm qbil li minħabba safety għandna nipproċedu u nressqu t-talba lil Transport Malta sabiex issir One Way, l-vetturi jidħlu biss minn Triq Parisott filwaqt li ma joħroġux minnha.

**11.9 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Kif ġie diskuss f'punt numru 11.5, tkellimna ma Quinton rigward il-Fig Festival u dak li kien isir f'din l-attivita'. Offrilna l-possibilta' li nilqgħu lil Tribute Band – The Police li se jkunu qed jagħtu prestizzjoni f' Malta. Kien hemm qbil li nospitaw li din il-band u l-ispiż hija ta' €4500. Kien hemm qbil li -management tal-attivita' tkun f'idejn NRGY Concepts Ltd li s-sena l-oħra offrew servizz mill-aqwa. Kien hemm qbil li l-ispiża relatata mar-riklamar tar-radju jonqos bin-nofs filwaqt li jerġa jintbgħat il-bulk sms, jsir ir-reklamar fuq il-midja soċjali kif ukoll jitqassmu l-fuljetti fir-residenzi. Insurance u risk assessment se jipprovdihom l-istess kuntrattur minħabba li l-ispiża tkun ferm anqas minħabba li hu għandu blanket coverage ta' diversi attivitajiet. Il-Kunsill se jkun qed jieħu ħsieb l-istalls, l-banner, kif ukoll il-permessi meħtieġa. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li l-ispiża ma tistax taqbeż dak proġettat kif ukoll l-importanza li jiġu segwiti r-regolamenti tal-akkwist u allura l-valur ma jeċċedix is-somma ta' €5,900 VAT inkluż.

- Ittra mingħand Gympro Gymnastics fejn qed jinfurmawna dwar show li se jkunu qed itellgħu kif ukoll jipproponu li permess ta' kollaborazzjoni mall-Kunsill jsir sketches tal-istess performance jew ta' attivitajiet oħra li jkunu qed jittellgħu matul iż-żmien mill-Kunsill. Wara dawn jistgħu jiġu esebiti f'Jum il-Lokalita'. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

- Fid-19ta' Frar irċivejna t-talba sabiex b'kollaborazzjoni mall-Kunsill jerġa jittella l-kunċert Gaulitana – A festival of Music. Fl-1 ta' Marzu infurmawna li l-kunċert mhux se jsir minħabba li ma sabux knisja fix-Xagħra li setat tospita l-kunċert. Għalhekk għal din is-sena qed jirrinunzjaw milli jtellgħu l-kunċert fix-Xagħra.

- Korrispondenza mingħand Xjenza Malta dwar sessjoni ta' Informazzjoni relatati mal-ISTEM li se li se jsiru f'Marzu. Din il-korrispondenza ġiet ċirkulata qabel il-laqgħa.

- Ittra mingħand AKL dwar il-possibilta' li nissieħbu bħala membri sħaħ fl-organizazzjoni ECAD ( European Cities of Drugs). L-ispiża għal sena hija dik ta' €125. Kien hemm qbil sabiex nerġgħu nġeddu s-sħubija tal-Kunsill għal din is-sena.

- Focus Group on Waste li qed jittella mill-GRDA f' Għawdex. Din il-korrispondenza ġiet iċċirkulata qabel il-laqgħa. Il-Kunsillier Christian Zammit infurmana li ser jattendi.

- Talba għal No objection tal-Kunsill sabiex isir reserved parking space quddiem residenza fi Triq 28ta' April 1688. Il-Kunsill qabel li joġġezzjona minħabba li triq hija dejqa u hemm parkeġġ limitat.

- Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni ta' TM biex issir ir-road hump fi Triq il-Kortoll. Din trid issir minn material tal-Asphalt jew Concrete. Il-Kunsill qabel li jistenna l-eżitu tat-talba tar-road hump fi Triq l-Arċipriet Diacono biex isiru flimkien.

- Ġejna notifikati li se jsir eżerċizzju mill-Uffiċċju Elettorali dwar il-Building Data u dan se jibda jsir fix-Xagħra nhar il-21ta' Marzu 25. Dan biex jiġi stabbilit reġistru nazzjonali tal-indirizzi bħala parti mill-Istrateġija Diġitali Maltija 2022-2027.

- Harġu l-applikazzjonijiet għall-Kunsill tat-tfal li qed isir mill-*Malta Foundation for the Well Being of Society.* L-ewwel laqgħa se ssir fis-26ta' Marzu mis-6 sas 7pm. Din se ssir fis-sala tal-iskola primarja tax-Xagħra. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar opportunita' ta' Sports Placement f'Għawdex fejn studenti mir-Renju Unit se jkunu fi gziritna għal ftit ġranet matul Lulju 2025. Din il-korrispondenza ġiet ċirkulata minn qabel. Il-

Kunsill issuġġerixxa li naraw jekk jistgħux joffru servizz lill-anzjani li jipparteċipaw fid-daycentre.

- Il-Kunsill irċieva proposta għal diskussjoni sabiex isiru Beach Lockers ġewwa l-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill ma qabilx u għalhekk ma jilqax din il-proposta.

- Ittra mingħand residenta minn Triq in-Nenus fejn ġibdet l-attenzjoni dwar l-istat ħażin li tinsab fiha l-istess triq. Il-Kunsill innota l-kontenut.

- Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, se jkunu s-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Francienne Muscat u Ms. Marion Portelli li ser jżuru l-lokalita ta' Rahovec mit-28ta' Marzu sal- 31 ta' Marzu. L-kontinġent ta' Kosovo se jżuruna mill-14 sas-17ta' Marzu. Ġiet ppreżentata l-agenda li l-Kunsill ħejja għal din iż-żjara u se nkunu qed nilqgħuhom għal-laqgħa formali li se ssir fl-uffiċċju tal-Kunsill, il-Hadd, 16ta' Marzu 2025, fin-12.30.

  Il-Kunsill se jkun qed ikopri l-ispejjeż relatati maż-żjara tagħhom fi gziritna. Din iż-żjara se tkun il-bidu għal ħbiberija, qsim ta' kultura u possibilment ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet.

- Talba sabiex titneħħa l-plakka tas-Sette Ġunju li preżentament tinsab imwaħħla mal-propjeta tiegħu fi Triq Bullara. Dan minħabba li l-istess propjeta se tkun qed titwaqqa (PA1869/23). Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba ġaladarba jkun hemm qbil li terġa titwaħħal fejn kienet mal-propjeta il-ġdida.

- Ittra mingħand Chairman Heritage Malta dwar it-tieni edizzjoni tal-avveniment internazzjonali Malta Biennale li se jkun qed isir fix-Xagħra u biex jekk il-Kunsill jixtieq jipparteċipa b'xi avveniment kollatterali fil-lokalita'. Qed joffru li jiltaqgħu magħna sabiex ifissru liema siti fil-lokali tax-Xagħra se jkun parteċipi f'dal-biennale.

- Wara li l-Kunsill ħareġ sejħa għall-interess lill-Għaqdiet Xagħrin għal servizz ta' tindif fil-Karnival, il-Kunsill irċieva biss interess wieħed mill-Għaqda tan-Nar. Għalhekk huma ħadu ħsieb li joffru s-servizz ta' tindif għal matul iż-żewġ serati tal-Karnival li nżammu fix-Xagħra.

- Talba mingħand ir-rappreżentanti ta' Eko Skola flimkien mal-istudenti tal-Konservatorju, sabiex jiġu kkunsidrati l-installazjoni ta' water fountains u misters bħala misura għal ambjent aktar b'saħħtu. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut.

- Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar inizjattiva tal-Kunsill li tista tiġi nkluża fil-programm tas-sena. Għal din l-attivita' r-Regjun se jkun qed jallokka l-ammont ta' €5,000 sabiex tassisti finanzjarjament l-attivita'. Saret laqgħa bejn ir-

Reġjun Għawdex, s-Sindku u Seg. Eżekuttiv fejn il-possibiltajiet ġew diskussi u ipproponew li l-attivita' tal-Autumn Fest li ssir f'Novembru 2025 tista tiġi inkluża fil-programm.

- Proposta mingħand MEEREA sabiex issir talk lil komunita' dwar modi ta' kif tintużaq l-energija b'mod effettiv. B'hekk inkunu qed inħeġġu u nippromwovu s-sostennibilta'.

- Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex dwar żewġ kotba bl-isem 'Poems of a Lifetime' li se jkunu qed jitqassmu għal-libreriji lokali. Dawn ġew mogħtija mill-Kunsill Lokali San Gwann flimkien mar-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Irċivejna l-fattura mingħand l-Perit Edward Scerri għal Survey ta' Parti minn Triq Marsalforn, bħala parti mit-Traffic Management. L-ammont huwa ta' €3068 (vat inkluż) Kien hemm qbil ma dan.

- Is-Seg. Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill fattura tal-Kuntrattur Richard Cauchi li tkopri x-xogħol ta' tiżjin dekorattiv tal-Milied għas-sena 2022 fi Vjal it-8ta' Settembru kif ukoll fi Pjazza Vitorja. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet din il-fattura għall-approvazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti pero' hu għamel referenza għal minuti numru 57, fejn kien ġie deċiż li l-Kuntrattur Richard Cauchi għandu jieħu ħsieb is-servizz tad-dawl dekorattiv tal-Milied b'valur li ma jeċċedix is-somma ta' €5900 Vat inkluż. Il-fattura pendenti għal dan ix-xogħol hija ta' € 11,139.20. Il-Kunsillier Dr. Cutajar stqarr li qed jastjeni minħabba li dan kien kont ta' xogħol li sar f'leġislatura preċedenti. Ġie maqbul li għadna nimxu mal-ftehim kif kien maqbul u minħabba li probabilment ma kinitx saret talba għax-xogħol bil-miktub, jkun aħjar jekk nikkomunikaw mal-Kuntrattur dirett biex jispjega ftit dan il-kont.

- Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti lill-għaqdiet kollha fix-Xagħra għall-attivita' tal-Għid kif ukoll għad-dwal tal-Milied.

  : Irċivejna interess wieħed mingħand l-għaqda Armar sabiex jieħdu ħsieb is-servizz tad-dawl dekorattiv tal-Milied.
  : Irċivejna tlett offerti sabiex itellgħu l-attivita' marbuta mal-Għid il-Kbir.
  L-Għaqda Briju; Xagħra Parish; Xagħra Scout Group

- Saru l-kuntratti għall-ebikes u se jiġu ffirmati fil-ġranet li ġejjin.

- Tweġiba mingħand Eco Gozo - Triq Pergla ma hix inkluża fil-lista ta' proġetti ffinanzjati mill-EU.

- Saret t-tiswija tas-solar lights taz-zebra crossing fi Triq it-8 ta' Settembru. Għadna nistennew parti solari b'total li jammonta għal €298.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-applikazzjoni għal vakanza ta' Assistant Principal għalqet fl-24ta' Frar 2025. Irċivejna 6 applikanti, b'waħda minnhom hija ineliġibbli. Is-Sindku ippropona li l-bord għandu jkun wieħed indipendenti. Kien hemm qbil li l-bord ikun kompost minn Dr. Jonathon Mintoff, s-Sa. Rita Mifsud Attard u d-Direttur Mark Formosa. Kien hemm qbil unanimu ma dan.

*19.48 Il-Kunsilliera Marion Portelli ġiet skużata u ħalliet il-kamra.*

- Talbiet għall-kollaborazzjoni f'attivitajiet kulturali:

  Dun Joe Said – Talba għal kollaborazzjoni fl-okkazzjoni tal-Wirja tal-Arti Sagra li se tiġi mtella fis-sala taċ-Ċentru Ġesu Nazzarenu bejn il-5 u t-18ta' April 2025. Din il-Wirja qed tiġi organizzata fl-okkazzjoni tas-sena tal-Ġublew u tal-festi tal-Għid. Il-Kunsill se jkun qed jikkolabora għall-ammont ta' €750 biex ikopru l-ispejjeż tal-Bill Boards, mwejjed u drapp. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora għal din l-attivita' sa massimu ta' €500.

  Gozo Half Marathon – Talba għal kollaborazzjoni sabiex tittella l-50 edizzjoni tal-ġirja t'Għawdex. Qed jitolbu li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż relatati mas-servizz tal-Pulizija, uffiċċjali ta' TM u l-podium tal-Atleti. Dan l-ammont jitla għal total ta' €6,400. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-ispiża tal-Pulizija tista tiġi rimborsa minn skema tar-Reġjun Għawdex. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora għal din l-attivita' sa massimu ta' €6,400.

  Talba għal kollaborazzjoni mingħand Għaqda Armar sabiex il-Kunsill ikopri l-ispejjeż tas-sound u spejjeż relatati mal-attivita' li se ssir is-Sibt, 15ta' Marzu 25. L-ammont huwa ta' €350 għal dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora għal din l-attivita' sa massimu ta' €200.

  Talba mingħand Noel Vella sabiex il-Kunsill jikkolabora biex tittella l-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fix-Xagħra. Il-Wirja se tkun imtella mill-parroċċa u tkun esposta għall-pubbliku u titgawda mill-Komunita tax-Xagħra. L-ammont huwa ta' €1000. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora għal din l-attivita' sa massimu ta' €600.

  Talba mill-Għaqda tan-Nar sabiex flimkien bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill ssir attivita' il-Ġimgħa, 25ta' April għal żmien l-Għid. Qed jitolbu li l-Kunsill ikopri l-ispejjeż relatati mas-sound u d-dawl li jammontaw għal €550. Il-Kunsill qabel li għandu jikkolabora għal din l-attivita' sa massimu ta' €350.

L-Għaqda Briju qed iressqu t-talba għall-kollaborazzjoni fil-ġimgħa tal-Festa. Qed jitolbu wkoll biex is-show pirotekniku jittella mill-ġnien li hemm fejn il-grownd tal-futbol, li tiġi fuq ix-Xellug tal-Pedestall fejn titla l-Bambina. L-Kunsill qed ikun mitkub jikkolabora billi jkopri l-permessi, r-risk assessment u Insurance.

- Talba għall-kumpens mingħand is-Sa. Buhagiar. Fl-4ta' Marzu bagħtitlna r-rapport tal-pulizija li sar propju fl-4 ta' Marzu 2025. Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex dan il-każ ġie diskuss. Il-Kunsill qabel li għandna nwieġbu skont il-parir tal-Avukat tal-Kunsill.

Talbiet tar-residenti u Lmenti:

- No 19 – Palma biex tinqala u titħawwel xi mkien ieħor; parkeġġ, tindif etc
- No 18 – Rapport dwar ħmieġ f'għalqa fi triq Karkar. Il-Kunsill ikkomunika flimkien mal-entitajiet u l-pulizija tal-Kommunita se jieħu ħsieb jitkellem mas-Sid.
- No 17 – Talba għal parking boxes fi Triq Ġnien Xibla.
- No 16 – Talba biex jinbena ħajt ta' tlett filati fi Triq il-Marġa.
- No 15 – Talba għal sinjali sofor ħdejn il-cat house fi Triq Kortoll.
- No 14 – Talba għal sinjali sofor minħabba diffikultajiet ta' aċċess għal propjeta residenzjali.
- No 13 – Talba għal sinjali sofor faċċata tar-residenza fi Ġnien Xibla
- No 12 – Talba biex titranġa Triq it-Tiġrija minflok patching
- No 10 – Talba għal sinjali sofor fi Triq ta' Sansuna
- No 11 - Talba mingħand resident b'referenza għal diversi problemi li jinsabu fi Triq il-Ġebla ta' Sansuna.

### 11.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-20.35pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 7 ta' April 2025 fl-17.00pm

Konfermati illum 7 ta' April 2025

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Victor John Curmi** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |